MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 2097/2004

**Galea Louis et**

**Vs**

**Said Paul**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Novembru 2004 fejn l-attur talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1200 (elf u mitejn Lira Maltin) dovuti bhala danni kkagunati fil-fond ta' l-attur.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-atturi intavolaw Avviz fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) 65/03SM sabiex il-konvenut jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-atturi u kkagunati mill-konvenut fil-fond 'Mary House' Triq Kola Xara, Rabat (Malta), propjeta` ta' l-atturi li hu adjacenti ma propjeta` tal-konvenut fejn il-

konvenut ghamel xoghol ta’ thaffir u kostruzzjoni, u liema danni gew ikkagunati minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti;

Illi l-Qorti hatret lill-perit tekniku AIC Godwin P. Abela sabiex jirrelata;

Illi l-espert imsemmi kkonkluda illi l-atturi sofrew danni kawzati mill-konvenut ammontanti ghal elf u mitejn Lira Maltin (Lm1200);

Illi permezz ta’ sentenza datata 1 ta’ April 2004, il-Qorti ddeccidiet illi ma hijiex kompetenti tipprocedi stante nuqqas ta’ gurisdizzjoni;

Illi l-isppejjes fil-kawza 65/03SM thallsu mill-atturi;

L-atturi ghaldaqstant qed jitolbu lill-konvenut ihallashom is-somma ta’ elf u mitejn Lira Maltin (Lm1200) rappresentanti danni minnhom sofferti fil-fond ‘Mary House’ Triq Kola Xara r-Rabat (Malta), kawzati mill-konvenut.

Bl-ispejjes tal-presenti, tal-mandat ta’ Sekwestru 2298/04 ppresentat kontestwalment u tal-kawza 65/03SM, u bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta’ l-avviz 65/03SM sad-datata tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Preliminarjament, il-preskrizzjoni biennali a tenur tal-Art. 2152 tal-Kap 16.

2. Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-azzjoni attrici hija bbazata fuq zewg premessi: (a) illi l-allegati danni minnu subiti gew kagjinati minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku; u (b) fuq il-konkluzjonijiet tal-espert tekniku (AIC Godwin Abela).

Illi l-espert tekniku kkonkluda illi ma kien hemm ebda traskuragni (da parti tal-konvenut) anzi l-agir tal-konvenut “kienet immedjata u kienet professjonali u tajba”. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti ghax mibnija fuq premessi bla bazi. Skond ma jirrizulta mill-annessi relazzjoni u eskussjoni tal-AIC Godwin Abela (Dok X u Dok Y).

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Din id-decizjoni hija limitata dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-konvenut ai termini tal-Art 2152 tal-Kap 16 ossia tas-sentejn. Sta li kontra min giet eccepita li jipprova l-interruzjoni u/jew sospensjoni u/jew prevenzjoni tal-preskrizzjoni.

Jirrizulta mix-xhieda tal-partijiet li x-xoghol sar fis-sena 1998. Ex admissis, id-debitur indika perjodu ta’ hames (5) snin qabel l-odjerni proceduri.

L-attur ma nvoka l-ebda sospensjoni u/jew prevenzjoni tad-dekors tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Bhala nterruzjoni, dina tista tigi kkagunata jew b’ammisjoni jew pagament akkont jew b’att gjudizzjarju.

Li jirrizulta lit-Tribunal bhala att simili, huma l-proceduri li gew prezentati quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati f’kawza civili fl-istess ismijiet Avviz Numru 65/03SM. L-attur ma nvoka l-ebda att gudizzjarju oltre dawn l-atti processwali. Ma tirrizultax il-prezentata u/jew in-notifika ta’ dawk l-atti. Pero` t-Tribunal se jehodha fil-bidu tas-sena 2003 peress li jirrizulta a Fol 8 li d-degriet li bih kien gie nominat il-perit tekniku tirrizali ghat-22 ta’ April 2003. Ir-rapport peritali inkarigat mill-AIC Joseph Jaccarini jirrisali ghal-15 ta’ Marzu 2001.

Illi d-difiza tramite l-preskrizzjoni hija difiza stabbilita mill-ligi stess. L-istss ligi hija skjetta fejn jirrigwardaw il-parametri taghhom. Lanqas il-konvenut ma gie sottomess ghal gurament decizorju.

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrali li meta tinghata din l-eccezzjoni, sta ghall-attur biex jipprova l-kuntrarju (vide Melbourne Garage ltd vs AIC Lawrence Montebello). Dan l-oneru l-attur ma skarigahx.

Jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni, jichad it-talbiet attrici, In vista tac-cirkostanza tal-kaz l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------